SANTA LUĊIJA

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija

# Is-Seba' Leġislatura
# Laqgħa Numru 22-16

15 ta' Diċembru 2016

Il-Kunsil Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-4.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras – Kunsillier
Caroline Galea – Kunsillier
Joe Bonello – Kunsillier

Rachel Mamo – Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

22.1.1 Nil

**22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

22.2.1 ***Proġett tal-Jogging Track***

Il-Viċi Sindku rrefera għall-Minuta 21.2.1 tal-laqgħa preċedenti u qal li hu flimkien mal-Kunsillier Bonello kienu ltaqgħu mas-Segretarju Parlamentari għall-Isport li nfurmhom li hemm xi affarijiet li kellhom isiru mill-Kunsill li għadhom mhux lesti. Huwa qal li semmilhom xi bankijiet li kellhom jitneħħew biex ikun jista' jkompli x-xogħol fuq dan il-proġett tal-Jogging Track. Is-Sindku qal li veru li kellhom jitneħħew xi bankijiet iżda xogħol seta' jkompli xorta waħda.

22.2.2 ***Klabb tal-Boċċi***

Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 22.2.2 u staqsa jekk kienx hemm xi żvillup fir-rigward tat-tweġiba li kien qed jistenna l-Kunsill fir-rigward tal-attivita' Euro 2016. Is-Sindku qal li issa hemm il-Kumitat il-ġdid u nerġu niktbu lill-Kumitat il-ġdid.

22.2.3 ***Ġabra ta' Flus għall-Puttinu Cares***

Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta' 21.4.2 u fakkar lis-Sindku kellu jġib ir-riċevuta tal-flus miġbura għal Puttinu Cares waqt l-attivita' taċ-Chinese Food Festival. Is-Sindku qal li kien nesiha. Is-Sindku intalab jgħid kemm kienet il-ġabra u wieġeb li kien tefa' r-riċevuta fil-but u ma jafx kemm.

Il-Viċi Sindku qal li ddejjaq kull darba jrid jistaqsi.

22.2.4 ***Xogħol ta' manutenzjoni fuq is-subway***

Il-Kunsillier Liam Sciberras rrefera għall-minuta 21.3.2 u staqsa jekk kienx tlesta x-xogħol fuq is-*subway.* Is-Sindku qal lix-xogħol sar minn Trasport Malta.

***22.2.5 Triq il-Ġiżimin***

Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 21.2.4 u staqsa għala dan ix-xogħol għadu ma bediex. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet reġgħet kitbet lil Perit dwar dan. Is-Sindku qal li l-aħħar li iltaqa' mal-perit u ma' omm il-kuntrattur fi Triq Ġiżimin kien fehmu kollox.

***22.2.6 Premises tal-Girl Guides***

Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 21.3.5 u staqsa jekk kienx sar kuntatt ma' rappreżentanti tal-Girl Guides dwar il-*premises* tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet tkellmet bit-telefon mal-uffiċċjal li jieħu ħsieb u ġiet infurmata li kienu tkellmu mas-Sindku dwar il-possibilta' li jsir rapport dwar il-*premises* tagħhom. Is-Sindku qal li ser ikun qed jikkomunika mal-Girl Guides f'dan ir-rigward.

***22.2.7 Rekordjar tal-laqgħat tal-Kunsill***

B'referenza għall-minuta 21.3.9 is-Sindku qara t-tweġiba tad-Dipartiment għall-

Gvern Lokali fir-rigward tal-*uploading* tar-*recordings* tal-laqgħat tal-Kunsill. Qamet diskussjoni u din it-tweġiba bdiet tiġi nterpretata b'diversi modi. Il-Kunsill qabel li bit-tweġiba tiegħu id-Dipartiment ma' indirizzax il-mistoqsija tal-Kunsill. Ġie deċiż li għandha terġa tintalab kjarifika għax il-Kunsill ma setax jifhem kif resident li ma setgħax jisma il-laqgħa *live* minħabba raġunijiet ta' xogħol, m'għandux ikollu l-faċilita' li jisma l-laqgħa rrekorjata minflok jismaħha *live.*

***22.2.8 Community Work Scheme***

Il-Kunsillier Bonello irrefera għall-minuta 21.3.8 tal-laqgħa preċedenti u staqsa jekk kienux tħejjew il-*performance reports* tal-ħaddiema taħt il-*Community Work Scheme*. Is-Sindku qal li kien lesta dawn ir-rapporti u l-ħaddiema ingħataw punti medji.

***22.2.9 Ġieħ Santa Luċija***

Il-Kunsillier Bonello irrefera għall-minuta 21.6.1 u qal li fil-minuti ma saretx referenza għal-premju - Honorary Citizen li ngħata lil Ms Jia Xiaoling. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-għoti ta' dan l-unur kien diġa' ġie approvat fil-laqgħa li saret fix-xahar ta' Settembru 2016.

***22.2.10 Water Gutter fi Triq Pensjeri***

Il-Kunsillier Bonello tkellem fuq il-*gutter* u qal li issa l-grid ġiet irrangata u ġew kollha l-istess. Il-Viċi Sindku qal li xorta jqis dan ix-xogħol bħala spiża esegerata. Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li jkun hemm ħafna minn dawn ix-xogħolijiet u l-Kunsill irid jippreoratizza. Hija semmiet il-problema tal-*flooding* f' Dawret it-Torri u qalet li issa ilha ħafna. Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn kellu *site meeting* ma' uffiċċjali tal-Istorm Water Management biex jiġġwidaw il-Kunsill fuq din il-problema.

***22.2.11 Mozzjoni 2-2016***

Il-Viċi Sindku irreferi għall-Mozzjoni 2-2016 u nforma lill-Kunsill li Trasport Malta diġa ħadet l-azzjoni meħtieġa dwar il-proposta tal-Kunsill.

**22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**22.3.1 *Abbużi fuq ir-roundabout fi Triq Peprin***

Is-Sindku tkellem dwar ir-*roundabout* bejn Triq Peprin u Vjal Oleandri u qal li din ir-*roundabout* qiegħda kontinwament tiġi abbużata. Il-Kunsillier Liam Sciberras qal li fil-*parking area* fejn din ir-*roundabout* ukoll saru diversi atti ta' vandalizmu. Huwa staqsa dwar il-possibilta' li terġa tiġi *reinstated* il-*camera* li kienet tagħti għal fuq din ir-*roundabout*. Il-Viċi Sindku qal li jrid isir kollox mill-ġdid u tidħol spiża konsiderevoli.

**22.3.2 *Europe for Citizens Programme – 2Will: To Work in Integration of Local Life***

Is-Sindku rrefera għal ftehim ta' koperazzjoni li l-Kunsill iffirma ma' lokalitajiet li pparteċipaw fil-Proġett Welcome taħt il-Programm tal-Europe for Citizens. Huwa qal li l-Kunsill ġie nfurmat lis-Sindku ta' Wieliszew f'Poland ressaq proposta għall-proġett bl-isem ta' 2Will liema proposta ġiet milqugħa taħt il-Programm Europe for Citizens – Stand 2 Measure 2.2 Networks of Towns 2016. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li jipprateċipa bħala *partner* fuq dan il-proġett.

**22.3.3** ***Proposti ta' Xogħol fuq Toroq u Bankini***

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar ittra li ntbagħtet lill-perit tal-Kunsill biex kemm jista' jkun malajr jibgħat l-istima ta' xogħolijiet, approvati mill-Kunsill biex il-Kunsill ikun jista jippjana u jagħmel il-prijoritajiet tax-xogħol skond il-fondi disponibbli. Il-Kunsill reġa' rreveda ix-xogħolijiet approvati f'laqgħat preċedenti u qabel li:

- Fi Triq Helen Buhagiar iċ-ċanta ma titneħħiex iżda issir bil-*crazy paving* u issir lampa waħda u mhux tnejn.
- Fuq xogħol ta' *major patching* fi Triq Pensjeri k/n Triq Guljetta Lopez il-Kunsill għandu jara x'fadal isir.
- Triq Ġiżimin għandha tinġieb stima tat-triq kollha u mhux parti minnha.

Is-Sindku qal ukoll li l-perit ser ikun qed iħejji l-istima u l-pjanti tal-proġett tat-taraġ fi Triq Maria De Domenicis biex il-Kunsill ikun jista' japplika għall-fondi taħt proġetti kapitali. Is-Sindku żied jgħid lit-tlett siġriet tal-Ewkaliptus li hemm f'din it-triq m'għandhomx bżonn ta' permess u l-Kunsill jista' jibda dan il-proġett billi jitlob lill-ELC Ltd biex dawn is-siġar jiġu *uprooted* u minflokk il-Kunsill jiżra tlett siġriet indigini fil-lokalita' kif qed jiġi propost mill-ERA.

***22.3.4*** ***Kont tal-Korporazzjoni għas-servizze tal-Ilma tal-konsum fi Ġnien is-Serenita'***

Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill kont ta' €811.82 f'konsum ta' ilma għal perjodu mill-1 ta' Ottubru 2016 u l-1 ta' Novembru 2016. Huwa qal ukoll li l-Kunsill irċieva avviż mill-Korporazzjoni bid-data tal-14 ta' Novembru 2016 li ġibdu l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-possibilta' ta' xi *leakage*. Il-Kunsill iddiskuta dan il-kont u qabel li dan għandu jiġi kkontestat.

***22.3.5*** ***Sħubija fil-Gal Xlokk***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li d-Direttur tad-Dipartiment Għall-Gvern Lokali approva l-isħubija tal-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija fil-Gal Xlokk.

***22.3.6*** ***Spiża marbuta max-xogħolijiet fil-Berġa***

Is-Sindku irrefera għall-ispiża marbuta mal-*upgrading* tal-Berġa u qal li d-Dipartiment għall-Kura Primarja lest jikkunsidra li jħallas lil Kunsill tal-*extra costs* mill-Budget tas-sena 2017.

**22.4** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

22.4.1 Il-Kunsill iddiskuta mistoqsija tal-Kunsillier Liam Sciberras fir-riġward ta ħsarat fl-*appliances* għad-danni ta' xi residenti fi Triq Gardenja wara li sar xogħol minn kuntrattur privat fuq il-binja tar-residenza tagħhom. Il-Kunsill evalwa kopja tad-dokumenti li ġew ippreżentati mill-Kunsillier Sciberras fuq dan il-każ. Ġie nutat li xi wħud minn dawn ir-residenti diġa sottomettew *claims* lil *insurance* tagħhom fuq dawn id-danni. Il-Kunsill wasal għal konklużjoni li dan il-każ irid jiġi indirizzat b'mod privat mill-individwi milquta'.

**22.5** **Affarijiet Finazjarji u Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**22.5.1** **Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet dwar xogħolijiet u servizzi**

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ewro |
|---|---|---|---|
| Ronald Bezzina | SS(57-15-03) | Servizz-Ottubru 16 | 940.10 |
| Ronald Bezzina | SS(57-15-03) | Servizz-Novembru 16 | 940.10 |
| Owen Borg | PCA(57-14-02) | Servizz-Novembru 16 | 366.93 |
| ELC Ltd | PKG 57 | Servizz-Novembru 16 | 2061.50 |
| Joseph & Spiridione Zammit | RC(57-14-01) | Servizz-Novembru 16 | 1877.90 |
| Ronald Bezzina | SS(57-15-03) | Extra Wks | 270.00 |
| | | | |

**21.5.2 Approvazzjoni għal xiri:**

**21.5.3** Il-Kunsill approva kwotazzjoni għal xiri ta' *spare parts* għall-ammont ta' €266.98 biex tiġi msewwija l-pompa kbira li hemm fil-*pump room* tal-Picnic Area biex tkun tista tintuża għad-*drip irrigation system* li qed terġa tiġi attivata.

**22.5.4 Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti:**

Il-Kunsill approva skeda ta' pagamenti Nru.CM22-2016 permezz ta' ċekkijiiet minn numru BOV 6465 sa numru BOV 6495 li kopja tagħha qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

Proponent: Frederick Cutajar
Sekondant: Caroline Galea

**22.6 Mozzjonijiet**

22.6.1 ***Mozzjoni 3-2016 :*** Il-Kunsill iddiskuta din il-mozzjoni proposta mill-Kunsillier Joe Bonello u ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill approva l-mozzjoni u ġie deċiż ukoll li l-*bollards* ta' Dawret it-Torri isiru bil-katnazzi u min ikollu bżonn iħott xi merkanzija irid iħallas €10 *deposit* li tingħata lura meta jirritorna l-katnazzi. Il-Kunsill qabel ukoll li tintbagħt ittra lil tal-ħwienet fi Triq Inez Soler fejn il-Kunsill iwissi li jekk ikun hemm min jabbuża mill-ftehim li ntlaħaq mal-Kunsill dwar il-*bollards*, dawn jerġu jiġu installati fit-tarf tal-passaġġ kantuniera ma' Triq Inez Soler.

Kopja ta' din il-mozzjoni qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

**22.7 Awġuri tal-Milied**

**22.7.1** Is-Sindku stieden lil membri tal-Kunsill u lis-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll lill-Ambaxxatiċi taż-żgħażagħ biex jagħtu messaġġ ta' awguri għall-Milied u s-Sena l-Ġdida.

**22.7.2** Il-Kunsilliera Caroline Galea irringrazzjat lil Kunsill u l-istaff kif ukoll lir-residenti tal-appoġġ. Hija qalet li għalkemm ma naqblux fuq kollox, l-intenzjoni hija waħda tajba u għalhekk minkejja id-diżgwid, il-Kunsill jinsab maqgħud f'ħidma għall-ġid tal-Kommunita'. Hija awgurat Milied ħieni u Sena tajba lil membri tal-Kunsill u l-famijari tagħhom.

**22.7.3** Il-Kunsillier Liam Sciberres qal li għaddiet sena oħra li fiha l-għan prinċipali kien li nkunu viċin ir-residenti u li l-prioritajiet tal-Kunsill ikunu r-residenti. Huwa rringrazzja lil familjari tiegħu għas-sosten u awgura xewqat sbieħ lill-membri tal-Kunsill, l-istaff u lir-residenti.

**22.7.4** L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ qalet li kemm ilha f'din il-kariġa ħadet pjaċir tipparteċipa fil-laqgħat tal-Kunsill u tgħallmet ħafna. Hija qalet li xtaqet tgħid proset lill-Kunsill għat-tiżjin u għall-attivitajiet marbuta ma' dawn il-festi.

**22.7.5** Il-Kunsillier Joe Bonello qal li l-Kunsill jiddibatti iżda kapaċi joħroġ b'deċiżjonijiet għal ġid tar-residenti u tal-lokalita'. Huwa qal li fl-impenn tiegħu fil-Kunsill dejjem ġab quddiem għajnejh ir-residenti speċjalment dawk anzjani.

**22.7.6** Il-Viċi Sindku s-Sur Cutajar qal li jawgura sena oħra ta' ħidma lil membri tal-Kunsill u awguralhom dak kollu li tixtieq qalbhom lilhom kif ukoll il-familjari tagħhom. Is-Sur Cutajar awgura sena tajba lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tagħha.

**22.7.7** Is-Sindku rringrazzja l-istaff tal-Kunsill u qal li l-Kunsill jieħu deċizjonijiet u huma l-istaff li jimplimentaw. Huwa qal li jħoss li din is-sena immatura aktar u qal li perfett ħadd ma' hu. Is-Sindku tkellem dwar l-attivitajiet u nforma li x'aktarx li l-E.T. Marie Louise Coliero Preca Presidenti ta' Malta ser tkun qed tattendi fl-għeluq tal-attivitajiet tal-Milied nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Diċembru 2016. Huwa semma l-kontribut taż-żgħażagħ f'dawn l-attivitajiet. Huwa kompla jgħid li xtaq jirringrazzja lit-tfajla tiegħu Melanie u awgura festi t-tajba lill-kulħadd.

**22.7.8** Is-Segretarju Eżekuttiv li ntalbet tagħti messaġġ tagħha saħqet fuq l-importanza li l-Kunsill ikun maqgħud u jiġbed ħabel wieħed. Hija qalet li importanti li kollox isir bi pjan li dwarhu jintlaħaq konsensus u l-Kunsill iwettaq il-ħidma tiegħu fil-parametri tal-liġi. Hija rringrazzjat lill-Kunsill tal-koperazzjoni u xtaqet il-Milied it-tajjeb lil kulħadd u awgurat lis-sena 2017 tkun mimlija ħidma għall-ġid tar-residenti u l-lokalita' ta' Santa Luċija.

**22.8** **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**
Il-laqgħa intemmet fis-6.30p.m. Laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir fl-20 ta' Jannar 2017 fl-4.30p.m.
Il-Laqgħa tal-Lokalita' 2017 ser issir nhar is-Sibt, 28 ta' Jannar 2017 fit-Tea Room fi Ġnien is-Serenita' fl-10.00 a.m.

Konfermati, illum 20 ta' Jannar 2017

| | |
|---|---|
| Terrence Ellul | Caroline Silvio |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |